MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2004

Numru 272/1999

Il-Pulizija
(Spettur Mario Bonnici)
(Spettur Gaetano Walker)
vs
Carmel Mugliett

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Carmel Mugliett, detentur tal-karta ta' l-identita Nru 457762(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f'xi hin bejn nofsinhar u l-hamsa ta' wara nofsinhar ta' nhar il-25 ta' Jannar, 1999, minn zewg vetrini li jaghmlu parti minn hanut maghruf bhala "Monopole", li jinsab sitwat fil-fond numru 52, gewwa Triq Zakkarija, il-Belt Valletta, flimkien ma persuna ohra, ikkommetta serq ta' diversi affarijiet kosmetrici fwejjah u oggetti ohra ghad-detriment tas-socjeta' "Monopole Ltd", liema oggetti ghandhom valur globali at' iktar minn mitt lira Maltin

(LM100) izda inqas minn elf lira Maltin (LM1,000) u liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur;

Talli fl-istess jum, hin, lok u cirkustanzi, flimkien ma persuna ohra, ikkommetta hsara volontarja fuq zewg vetrini u affarijiet relatati maghha, ghad-dannu ta’ l-istess socjeta’, liema hsara volontarja tammonta ghal aktar minn ghaxar liri Maltin (LM10), izda inqas minn hamsin lira Maltin (LM50);

Talli f’xi hin bejn it-tmienja ta’ filghaxija ta’ nhar il-25 ta’ Jannar 1999 u l-ghaxra ta’ filghodu ta’ nhar is-sitta u ghoxrin ta’ Jannar, 1999, minn Hal-Qormi, ikkommetta serq ta’ karozza ta’ ghamla Anglea bin-numru tar-registrazzjoni DAC 226 ghad-detriment ta’ sidha Paul Debono minn Hal-Qormi, liema vettura ghandha valur globali ta' iktar minn mitt lira Maltin (LM100), izda inqas mnn elf lira Maltin (LM1000) u liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin, xorta ta’ haga misruqa u bil-valur;

Talli fl-istess granet imsemmija, lok, hin u cirkostanzi u fl-granet ta’ wara, xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Talli sar recidiv ai termini ta’ l-Artikoli 49 u 289 tal-Kodici Kriminali meta huwa kien diga instab hati u ikkundannat ta’ diversi reati, liema reati nstab hati taghhom mill-Qorti Kriminali ta’ Malta, b’sentenzi ta’ nhar id-19 ta’ Lulju 1990, id-9 ta’ Frar, 1993, it-12 ta’ Frar, 1993, il-15 ta’ Frar, 1993, it-18 ta’ Marzu, 1993, it-12 ta’ Marzu, 1993, it-23 ta’ Settembru 1993, il-15 ta’ Novembru, 1993 u it-23 ta’ Gunju 1993 rispettivament, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

Talli sar recidiv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali meta huwa kien diga instab hati u ikkundannat ta’ reat, liema reat instab hati tieghu mill-Qorit tal-Magistrati ta’ Malta, b’sentenza ta’ nhar il-11 ta’ Dicembru 1996, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew imhassra;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Illi waqt li kienet qeghda issir it-trattazzjoni finali tad-difiza fit-23 ta' Ottubru, 2003 id-difiza irregistrat ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi;

Illi l-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi waqt li kien qieghed jirrilaxxja l-istqarrija tieghu lill-pulizija l-imputat ikkopera ferm mal-Prosekuzzjoni tant illi ammetta ta' dak kollu illi kien ghamel u ta' dak kollu li bih jinsab akkuzat permezz ta' dawn il-proceduri;

Illi l-Prosekuzzjoni irnexxielha wkoll tressaq il-prova tar-recediva fis-sens illi esebit is-sentenzi imsemmija fl-akkuza u resqet ukoll il-prova ta' l-identita ta' dawn is-sentenzi;

Illi l-vittma Mary Elizabeth Tagliaferro kienet identifikat lill-imputat fuq imsemmi fl- I D parade illi kien sar fil-kwartieri generali tal-pulizija b'dana kollu skond kif jirrizulta mill-atti processwali. L-imputat ammetta illi fil-hin, data u lok kif imsemmija fl-imputazzjoni huwa flimkien ma huh Raymond Mugliett kienu iltaqghu il-Belt, marru fi Strada Zacharija, man-naha tal-lemin innutaw kuridur li jaghti ghal-tarag ta' appartamenti u f'dan il-kuriduri innutaw vetrina illi kien fiha diversi kaxxi bi creams u affarijiet ohra tal-kosmetika. Il-vettrina kienet maghluqa. Kif bdew dehlin fil-kulitur indunaw illi l-post li minnu jinbieghu l-affarijiet kien maghluq u ma kien hemm hadd fih u hu dan il-post kien jafu sew peress illi kien mar hemm hekk drabi ohrajn. Dakinhar pero' innota li ma kien hemm hadd u hajjar lil huh biex jisgassaw il-vetrina u jiehdu l-affarijiet li kien hemm fiha. Huh irrifjuta li jaghmel hekk, pero' huwa

ipperswadih illi jaghmel hekk peress illi kellhom bzonn il-flus biex jixtru d-droga. L-imputat ammetta li kellu turnavit fuqu u flimkien ma huh sgassa l-vetrina ta' dan il-hanut, hadu diversi oggetti minn hemm hekk, izda ma hadux kollox. L-affarijiet li serqu zammewhom f'basket li hu kien xtara meta kien diehel il-Belt minhabba li kellu intenzjoni li jaghmel din is-serqa. Wara li hadu l-affarijiet, telqu minn fuq il-post u infirdu. Aktar tard huwa mar Hal-Qormi biex jipprova jixtri d-droga, izda ma sabx. Huwa qal illi huwa ghamel din is-serqa, peress illi ma felahx jissapporti aktar minghajr droga u kellu bzonn il-flus biex jixtri d-droga. L-imputat kompla jghid lill-pulizija illi meta kien sejjer lejn id-dar l-ewwel ghamel bicca triq bil-miexi, innota illi l-karozzi tal-linja kienu waqfu. Ghaldaqstant iddecieda li jisraq vettura mill-post illi indika lis-Surgent Taliana. Din kienet vettura hamra tal-ghamla Anglia u iddecieda li jisraqha biex jasal id-dar biha. Huwa fetah il-bieba ta' din il-vettura b'cavetta ta' kartnazz zghir li sabu fejn remissa taz-zwiemel, dahal fil-vettura, startjaha b'din ic-cavetta z-zghira u saq lejn Bormla. Sabiex is-suspett ma jaqax fuqu, ipparkja l-vettura fejn l-ufficju tal-posta Bormla. Umbaghad mar l-ghassa ta' Bormla jiffirma ghall-habta ta' nofs il-lejl. Meta mar l-ghassa arrestawh u baqa arrestat sa kemm irrilaxxja l-istqarrija. Huwa ikkonferma li l-vettura seraqha minn Triq ic-Cawsli Hal-Qormi u meta seraq din il-vettura kien wahdu. L-imputat ikkonferma wkoll illi l-affarijiet misruqa kien hallihom f'idejn huh. Huwa gie arrestat u l-oggetti eventwalment gew rikuperati mill-pulizija. Huwa stqarr ukoll mal-pulizija illi kellu bzonn jaghmel programm ghar-riabilitazzjoni mid-droga sabiex ma jergax jaqa f'aktar zbalji. Qal illi ghadu hiereg ukoll minn tmien snin habs fuq serqiet zghar illi skond hu kellu jaghmilhom minhabba l-problema li ghandu ta' l-abbuz tad-droga.

Illi fuq talba tad-difiza l-Qorti hatret lil Dr Victor Shields sabiex jaghmel pre-sentencing inquiry report fir-rigward tal-imputat fuq imsemmi u fost affarijiet ohrajn Dr Shields ikkonkluda illi l-imputat mhuwiex konfidenti, "and is less sure of himself during problem solving and tends to vacillate". Huwa ikkonkluda wkoll illi l-imputat "shows depressive features" u li ghandu wkoll numru ta'

“immature coping mechanisms accompanied by pronounced anxieties” u illi f’dan il-kaz “one needs to be alert for susceptibilities to substance abuse” (fol 229 tal-process).

Illi r-rakkomandazzjonijiet ta’ Dr Shields a fol 231 tal-process huma s-segwenti. “Nirrakkomanda li oltre l-ghajnuna legali jinghata wkoll assistenza psikologika approfondita. Fl-istess hin jekk wiehed jista b’xi mod jikkontempla r-rilaxx tieghu minn prigunerija wiehed irid jipprovdilu b’mod konkret u serju tahrig vokazzjonali biex jista jittama li jirnexxielu isib jahdem, kif ukoll certu ammont ta’ edukazzjoni socjali biex jista jgharaf jaddatta ruhu ahjar ghas-socjeta’ li jghix fiha. Inhoss li dan huwa fondamentali ghar-riabilitazzjoni umana u socjali tieghu. In generali wiehed irid jghinu ittejjeb l-attitudini tieghu lejh innifsu, lejn ix-xoghol u lejn is-socjeta’.”

Illi xehdet ukoll Marietta Lanzon illi kienet giet mahtura mill-allura Magistrat Cuschieri sabiex issegwi lill-imputat fuq imsemmi. Hija xehdet illi dan l-ahhar qeghda tara illi l-imputat qieghed jaghmel progress fis-sens illi meta tkellmu qisu qieghed jahseb ftit fil-futur, ghalkemm irid jibqa karcerat sas-sena 2007. Hija xehdet illi taf li ghandu bzonn tal-kura u tal-ghajnuna. Huwa bhalissa ma jistax jibda isegwi programm peress illi ghad fadallu hafna zmien il-habs, pero’ hu jista ovvjament jutilizza s-servizzi li jipprovdu il-habs.

Ikkunsidrat :

Il-Qorti ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija tiddikjara lill-imputat fuq imsemmi hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 261 (b), 261 (c), 261 (f), 261 (g), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 278, 279, 280, 17, 31, 20, 49, 50, 289 u 325 (1) (c) tal-Kap 9. Il-Qorti qeghda tillibera lill-imputat fuq imsemmi mir-raba’ imputazzjoni biss dik ta’ ricettazzjoni, peress illi gie ippruvat ir-reat tas-serq, liema reat jeskludi r-reat ta’ ricettazzjoni. Ghal bqija huwa gie misjub hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u gie dikjarat ukoll bhala recediv.

Illi d-difiza talbet lill-Qorti sabiex tkun klementi mal-imputat fuq imsemmi u dana peress illi huwa ghad fadallu sal-2007 sabiex jiskonta sentenzi ta' habs imposti fuqu minn Qrati ohrajn. Skond id-difiza, issa l-imputat fehem illi ma ghandux jibqa jiehu d-droga u ghalhekk l-imputat ma ghandux jinghata piena karcerarja.

Illi l-Qorti ikkunsidrat il-fatt illi minhabba l-fatt illi l-imputat huwa recediv ma jistax jinghata sentenza sospiza u ghalhekk l-unika triq li jkollha il-Qorti jekk ma tikkundannax lill-imputat ghall-prigunerija tkun dik illi tilliberah taht kundizzjoni ai termini tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti f'dan is-sens regghet rat ir-rakkomandazzjonijiet ta' Dr Victor Shields, minn fejn jirrizulta illi l-imputat ma ghandu l-ebda tahrig vokazzjonali sabiex ikun jista jahdem u lanqas ma ghandu edukazzjoni socjali sabiex ikun jista jaghraf jaddotta ruhu ghas-socjeta' li irid jghix fiha. In generali wiehed irid jghin lill-imputat ittejjeb l-attitudini tieghu lejh innifsu, lejn ix-xoghol u lejn is-socjeta'. Dr Victor Shields semma ukoll li l-imputat huwa vulnerabbli ferm fejn tidhol l-problema tal-abbuz mid-droga. Jigifieri hawn hekk jirrizulta car illi l-imputat ma irnexxielux jeghleb dan il-vizzju, liema vizzju waslu ghal hajja kriminali tieghu.

Illi Marietta Lanzon meta xehdet fil-Qorti qalet illi l-imputat ghandu bzonn tal-kura u tal-ghajnuna u illi minkejja li fadallu hafna zmien il-habs huwa dejjem jista jutilizza s-servizzi li jipprovdi l-habs fir-rigward tal-problema li ghandu tal-abbuz mid-droga.

Illi l-Qorti ezaminat ukoll bir-reqqa l-fedina penali tal-imputat illi hija twila ben tnejn u ghoxrin faccata. Minn din il-fedina penali jirrizulta illi l-imputat inghata diversi opportunijiet mill-Qrati taghna sabiex jirriforma ruhu u jaqbad it-triq it-tajba. Madanakollu huwa kompla bil-hajja kriminali tieghu u ma hataf l-ebda opportunita illi inghatat lilu mill-Qrati taghna sabiex jirriforma hajtu.

Il-Qorti tifhem il-problemi li jinsab fihom l-imputat. Ma dana kollu wiehed irid joqghod attent ferm ghall-messagg illi qieghed jintbaghat lis-socjeta' u l-Qorti trid tqis ukoll l-interessi mhux biss tal-imputat, izda wkoll tas-socjeta' in generali.

Illi ma jistax ikun illi bniedem illi inghata diversi opportunitajiet sabiex jirriforma hajtu u baqa ghaddej bil-hajja tieghu ta' kriminalita jahseb illi jista johrog mill-habs daqs li kieku ma gara xejn.

Illi fl-ahhar tal-gurnata min jaghmel il-hsara kontinwament u jibqa jippersisti fil-hajja tieghu ta' kriminalita irid jaghmel il-kontijiet tieghu mas-socjeta'. Ma dana kollu l-Qorti sejra tqis il-fatt illi matul din l-investigazzjoni l-imputat ikkopera ferm mal-Prosekuzzjoni, specjalment fl-istqarrija illi huwa irrilaxxja lill-pulizija.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 21 tal-Kap. 9 qeghda tikkundanna lill-imputat fuq imsemmi misjub hati kif diga intqal ghall-prigunerija ta' tmintax il-xahar.

Il-Qorti tirrakkommanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex jakkorda lill-imputat kull facilita, dejjem ovvjament bil-kunsens ta' l-istess imputat, sabiex isegwi xi programm ghar-riabilitazzjoni mid-droga.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------